A.L. 2 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Regoli ta' l-2004 li jemendaw ir-Regoli dwar Sustanzi Wżati għall-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 22 (1D)(b) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, il-Ministru tas-Saħħa għamel dawn ir-regoli li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2004 li jemendaw ir-Regoli dwar Sustanzi Wżati għall-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Sustanzi Wżati għall-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". A.L. 279 ta' l-2003.

Tissostitwixxi l-Anness VII li jinsab mar-regoli prinċipali.

2. Minflok l-Anness VII li jinsab mar-regoli prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:–

"ANNEX VII

Sustanza	Limitu
Acetic anhydride	100 l
Potassium permanganate	100 kg
Anthranilic acid and its salts	1 kg
Phenylacetic acid and its salts	1 kg
Piperidine and its salts	0·5 kg

".